Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 438/2015

Il-Pulizja

Vs

Jimmy (Gerolamo) Buhagiar

Illum 22 ta' Marzu, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jimmy (Gerolamo) Buhagiar detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 345677 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b' diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn Novembru 2011 sa Novembru 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt, naqas li jaghti lil Charmaine Buhagiar u / jew lil uliedu, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulate bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u / jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-Ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Settembru, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jimmy (Gerolamo) Buhagiar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar din is-sentenza ghar-ragunijiet indikati fil-korp fl-intier tieghu ta' dan ir-rikors tal-appell kriminali u tillibera lill-esponenti appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

Illi jekk dina l-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jidhrila li m' ghandiex tilqa' t-talba ghat-thassir ta' dina s-sentenza appellata, allura l-esponenti appellanti umilment qed jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti sabiex alternattivament tibdel is-sentenza tal-Qorti Inferjuri u tirriformaha billi tnehhi l-piena ta' prigunerija fuq l-appellanti, u kwalsiasi piena ohra, ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors tal-appell billi l-appellanti ovvjament kien in bona fede u ma kellux l-animu li ma jonorax xi ordni tal-Qorti, anke minhabba l-fatt illi huwa l-appellanti li jrid u qed jiehu hsieb iz-zewg uliedu minuri, u dana taht dawk il-provedimenti u direttivi opportuni li dina l-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jidhrila xieraq u gust illi tati u tordna.

Tant ghandu umilment x' jissotometti l-esponenti appellanti ghas-savju gudizzju ta' dina il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Jimmy (Gerolamo) Buhagiar huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-appellanti esponensti hassu aggravate minn din is-sentenza kontra tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippreseduta mill-Magistrat Dr Antonio Giovanni Vella u dana peress illi saret ingustizzja kbira mieghu meta effetivament la kien hemm bazi legali u lanqas fattwali ghala kellha tohrog din l-akkuza u dana ghar-ragunijiet illi diga gew brevement indikali u fic-cirkustanzi huwa qed jappella minn din is-sentenza t' nhar l-Erbgha 30 ta' Settembru, 2015 a bazi tas-segwenti Aggravji:

a. L-ewwel Aggravju: Illi l-Ewwel Aggravju huwa għall-fatt illi dina l-akkuża ingusta kontra l-Esponenti Appellanti qatt ma kellha tinħareg u dan għas-sempliċi illi kieku saru investigazzjonijiet b' mod serju u professjonali, il-Pulizija kienet issir taf li bejn Novembru tas-sena 2011 u Novembru tas-sena 2014, il-koppja konjugi Buhagiar kienu rrikonċiljaw u tul dan il-perjodu għexu ta' miżżewġin, familja waħda, taħt l-istess saqaf u f' residenza waħda;

   Illi l-Kodiċi Ċivili ossia l-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar fuq dan il-punt u issir referenza għall-Artikli 63 u 64 u għalhekk ma kien hemm ebda bażi illi tinħareġ din l-akkuża kontra l-imputat appellant odjern. Dak kien l-Ewwel Aggravju.

b. It-Tieni Aggravju: Illi t-tieni aggravju jirrigwardja l-fatt illi anke jekk għal grazzja tal-argument wieħed jittolera l-ħruġ ta' din l-akkuża, huwa evidenti li t-terminu huwa preskritt billi l-ewwel nett mhux kredibbli li Charmaien Buhagiar, mart l-imputat f' daqqa waħda ftakret li għax-xhur minn Novembru 20111 sa Novebru 2014 hija ma kienetx irċeviet manteniment mingħand żewġha (u dan kellu jkun aspett li l-Pulizija kellha tinvestiga bis-serjeta') u fit-tieni lok ma jistax jiġi sottoess illi jistgħu jsiru akkużi bħal dawn u ma tistax tiġi eċċepita l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għax dana jammonta għal reat kontinwat. Għaldaqstant it-tinei aggravju huwa li dina l-akkuża kienet preskritta jekk mhux fit-totalita tagħha, ċertament għall-parti kbira tagħha billi l-argument ta' reat kontinwat ma jregix f' tip ta' akkużi bħal dawn li ovvjament saret għal xi forma ta' malizzja minn mart l-imputat għall-imputat appellant odjern, malizzja li l-Pulizija ma investigatx u inħarġet intortament din l-akkuża li qed jiġi sottomessa illi jekk mhux kollha imma l-maġġorparti sostanzjali minnha hija legalment preskritta. Dan kien it-tieni aggravju.

c. It-Tielet Aggravju: Illi t-tielet aggravju jirrigwardja l-fatt li mart l-imputat Charmaine Buhagiar: ID Nru 379678M, meta ddeponiet quddiem l-Ewwel Qorti ammetiet li veru l-konjugi Buhagia kienu ghexu flimkien ghat-tlett (3) snin indikati fl-akkuza, ghexu bhala familja u that l-istess saqf, imma tenniet li dik ma kienetx rikonciljazzjoni imma zmien ta' prova biex tara kif tmur mar-ragel u ghaldaqstant meta l-Ewwel Qorti saret taf illi sussegwentament l-esponenti appellant intavola Kawza Civili quddiem il-Qorti kompetenti biex propju din is-sitwazzjoni tigi ccarata li l-kuntratt tal-firda legali li kien sehh bejn il-konjugi Buhagiar ma kellhux validita' u effetivita' u ma setghax jigi enforzat, l-Ewwel Qorti kien imissa ssospendiet il-proceduri quddiema (anke jekk tenniet lid an kien kaz sommarju) u stenniet sakemm ikun hemm ezitu mill-Qorti Civili (sezzjoni Familja) jekk il-kuntratt indikat ta' firda legali bejn il-partijiet kienx ghadu validu, effetiv u enforzabbli. Illi l-Ewwel Qorti dana ma ghamlitux u ghaldaqstant dana jammonta ghat-tielet aggravju.

d. Ir-Raba' Aggravju: Ir-raba' aggravju jirreferi ghall-fatt illi l-imputat iddikjara li huwa xtaq itella z-zewg itfal tieghu Shelly Buhagiar ta' hmistax il-sena u nofs (15 ½) u Matthew Buhagiar ta' erbatax il-sena (14) biex jixhdu f' dan il-kaz, zewg zghazagh maturi u responsabbli li naturalment kapacissimi li jifmhu xi tfisser li tixhed u x' inhu gurament, imma L-Ewwel Qorti tenniet mill-ewwel li hija ma riditx idahhal it-tfal tal-konjugi fil-kawza u apparti minn dan dawn iz-zewgt itfal kienu minorenni u allura ma riditx tismaghhom. Din holqot ingustizzja kbira billi fl-ambitu kriminali, specjalment meta kienu xhieda important u esklussivi ghal missierhom dwae il-kawza mertu ta' dan l-appell, l-Ewwel Qorti kien imissa jew semaghat lill-minuri apparti, inkella ippermettiet li dawna jixhdu anke wara li lilhom jigi mfisser illi l-parte civile kienet ommhom (kif minghajr dubju kienu jafu dawn iz-zghazagh) u ghaldaqstant il-fatt li l-Ewwel Qorti ma ppermetitx li dawn iz-zghazagh jixhdu anke jekk huma minuri imma huma responsabbli u mature, gabet ingustizzja kbira fil-konfront tal-appellanti u dana huwa r-raba' aggravju.

e. Il-Hames Aggravju: il-hames aggravju jirrigwardja l-fatt illi l-appellanti esponenti pprova jesebixxi quddiem il-Qorti numru ta' dokumenti li kienu jindikaw lill-Qorti provi dokumentati tat-tlett snin in kwistjoni fejn il-koppja mizzewga u l-familja taghhom kienu ghexu flimkien bhala mizzewgin u that l-istess saqaf, u anke prova tal-proceduri civili li sussegwentament kienu gew inizzjati fis-sena elfejn u hmistax (2015) wara li mart l-appellanti kienet reghet telqet mid-dar matrimonjali f' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), u l-Ewwel Qorti ma accetatx lanqas dawn id-dokumenti fuq il-bazi li l-Qorti kellha din l-akkuza quddiema u l-Qorti kellha tara biss jekk kienx hemm provi favor l-akkuza jew inkella li jxejlu l-akkuza, dana l-fatt holoq ukoll ingustizzja ghall-appellanti. Dana kien il-hames aggravju.

f. Is-Sitt Aggravju: Is-sitt aggravju jirrigwardja l-fatt li l-kopja tal-kuntratt ta' firda legali esebit mhuwiex kopja legali anke jekk hemm li huwa kopja awtentika minn Nutar illi ppubblika l-Att Pubbliku imma mhuwiex Kopja Legali kif suppost isir dwar il-kopja li tigi esebita li ghandha tkun kopja legali ta' dik lit kun qieghda fir-Registru tal-Qorti tal-Familja; dana huwa s-sitt aggravju.

g. Is-Seba' Aggravju: Is-seba' aggravju jirrigwardja l-fatt li l-Ewwel Qorti lanqas biss tat kas li l-kura u kustodja taz-zewgt itfal minuri, li l-Ewwel Qorti lanqas biss riedet tara wisq anqas tisma' meta saret talba apposite, l-Ewwel Qorti injorat ukoll il-fatt li hemm Digriet tal-Qorti Civili datat 13 ta' Lulju, 2015 li huwa esebit fl-Atti Processwali ta' dan l-Appell u fejn hemm car li l-Kura u l-Kustodja taz-zewg itfal minuri hija f' data f' idejn Gerolamo sive Jimmy Buhagiar u dana kien is-seba' aggravju.

Dawn kienu s-seba' aggravji li a bazi taghhom l-esponent appellant qed jaghmel l-Appell tieghu odjern quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat,

Billi l-ko-litigandi lahqu ftehim bejniethom fir-rigward tal-manteniment dovut f'din il-kawza, il-Qorti ghalhekk ser tikkonferma s-sejbien ta' htija, madanakollu hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tvarja d-decizjoni appellata billi tikkonferma l-parti fejn l-appellant instab hati tal-akkuza dedotta kontrih izda tvarja l-piena nflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur